MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2015

Rikors Numru. 637/2015

**Dr. Ali Elshanti (Passaport Libjan Numru – C2G39NK9) in rapprezentanza ta' United Aviation Company Spa (Libya Company Reg. Number 65991, Mittiga International Airport, P.O. Box 931637, Tripoli**

**vs**

**Shaker Own li b'digriet tal-1 ta' Lulju, 2015, gie nominat bhala Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lill-kumpanija estera EACS – Executive Authority for Air Cargo and Special Flights ta' Tripoli International Airport, East Gate, Tripoli Libya**

**Fl-atti tar-rikorsi 636/15MH u 637/15MH ghal-kontro revoka tal-mandati kawtelatorju ta' arrest ta ingenji ta' l-ajru bin-numri 1043/15 u 1044/15 it-**

**tnejn mahruga fis-27 ta' Gunju,2015**

**IL-QORTI;**

Rat li b'zewg rikorsi datati 20 ta' Gunju 2015, ghall-hrug ta' Mandat ta' Arrest ta' Ingenji ta' l-Ajru in kawtela ta' dejn jew kull pretensjoni ohra li jammonta ghal mhux anqas minn sebat' elef euro, ir-rikorrenti Dr Ali Hassan El Shanti in rappresentanza ta' United Aviation Company Spa (Libya Company Reg Number 65991), Mitiga International Airport PO Box 91637 Tripoli, talab li in kawtela tal-pretensjonijiet jew dejn *in personam* jew *in rem* illi jinzamm it-tluq ta' ingenji ta' l-ajru u cioe` fl-ewwel mandat tal-ajruplan bl-isem Bombardier 5A –UAB Serial Number MSN 9285 u fit-tieni mandat ta' ajruplan tat-tip 5A-UAC Serial Number MSN 9257, dana kull wiehed in kawtela tad-dritt minnu pretiz; illi dawn l-istess ingenji ghandhom rispettivament il-valur ta' EUR 35, 000,000 il-wiehed u li huwa proprjeta` esklussiva tas-socjeta` rikorrenti, kif jirrizulta mic-certifikat mahrug mid-Direttur ta' l-Avjazzjoni Civili ta' Tripoli, Libja datat 16 ta' Gunju 2015 u li gew abbusivament u llegalment appropjati mill-kumpanija intimata estera minghajr l-awtorizzazzjoni tas-socjeta` rikorrenti, liema kumpanija ggib l-isem EACS Executive Authority for Air Cargo and Special Flights ta' Tripoli International Airport East Gate, Tripoli Libja (Mandat ta' Inibizzjoni 1043/15 u 1044/15 rispettivament);

Rat ukoll ill b'nota datata l-1 ta' Lulju, 2015 Shaker Own detentur ta' passaport Libjan Numru 264147 fil-vesti tieghu ta' Direttur Generali ta' l-Executive Authority For Special Flights (EACS), din ta' l-ahhar il-legittimu proprjetarju tal-ajruplani imsemmija, assuma l-atti f'isem u ghan-nom ta' l-Executive Authority for Special Flight (EACS);

Rat li dawn iz-zewg rikorsi gew milqugha minn din il-Qorti diversament preseduta b'digriet datat 27 ta' Gunju, 2015;

Rat ukoll illi fit-2 ta' Lulju, 2015 gie presentat rikors fl-atti tal-mandati tal-arrest fejn ai terminu ta' l-artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta intalbet korrezzjoni fl-istess mandati li gew erronjament presentati "Fil-Bord Drittijiet tal-Awtur" meta fil-fatt dawn kellhom jaqraw fil "Prim'Awla tal-Qorti Civili", liema korrezzjoni giet fil-fatt milqugha;

Rat li fl-1 ta' Lulju 2015 gew intavolati zewg rikorsi identici f'kull mandat kawtelatorju imsemmi, dan mill-imsemmi Shaker Own nomine. **A skans ta' ripettizzjoni anke hawn il-Qorti ser tirriproduci rikors wiehed in kwantu ir-rikorsi huma identici ghajr ghal isem u numru ta' l-ajruplani**. Hawn Shaker Own nomine ippremetta fil-konfront taz-zewg ingenji ta' l-ajru:

"**Illi United Aviation Company Spa talbet w ottjeniet l-ispedizzjoni ta' Mandat ta' Arrest ta' Ingenji tal-Ajru (Numru: 1043/15) kontra l-ajruplani bil-marka ta' registrazzjoni 5A-UAB tal-marka Bombardier Global 5000 bin-Numru tas-Serje MSN 9285(rikors numru 637/15) u ukoll ta' ajru plan iehor bil-marka ta' registrazzjoni 5UAC tal-ghamla Bombardier GLOBAL 5000 bin numru tas-serje MSN 9257.**

**Ili dawn il-Mandati ta' Arrest ta' Ingenji tal-Ajru intalbu fuq l-iskorta ta' kawzali li jghidu illi s-socjeta United Aviation Company Spa giet spossessata mill-Awtorita imsejjha Executive Authority for Special Flight [EACS] fil-proprjeta tal-imsemmi ajruplan. Din il-kawzali qieghda tigi msejjsa fuq titolu ta' proprjeta li johrog minn Certifikat li jinsab anness mar-rikors li permezz tieghu intalbet l-ispedizzjoni tal-Mandat ta' Arrest ta' Ingenji tal-Ajru (immarkat Dokument A) liema Certifikat huwa wiehed falz u mahrug minn Awtorita li hija nieqsa minn kull legittimita u rikonoxximent ta' l-istati jew l-Awtoritajiet internazzjonali fis-settur.**

**Illi preliminarjament it-talba ghall-ispedizzjoni tal-Mandat ta' Arrest ta' Ingenji tal-Ajru hija wahda irritwali u proceduralment nulla ghax saret quddiem il-Bord tad-Drittijiet ta' l-Awtur.**

**Illi s-socjeta United Aviation Company Spa, allegatament registrata fil-Libja ma tezistix. Kienet registrata s-socjeta United Aviation Company, liema socjeta izda giet dikjarata xolta permezz ta' Dikriet (*Decree*) mahrug fl-20 ta' Jannar, 2014 mill-Ufficju tal-Prim Ministru tal-Gvern Interim tal-Libya. Kopji ta' dan id-dikriet kemm fil-ligwa Araba u kif ukoll fil-lingwa Ingliza qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati kummulittiavment bhala Dokument SO 2.**

**Illi Dr. Ali Hassan Elshanti naqas li jipprovdi prova tar-rapprezentanza tieghu fir-rigward tas-socjeta Civil Aviation Company jew tal-mandat tieghu minghand is-socjeta li huwa qieghed jghid li jirrapprezenta jew li ghaliha huwa jallega li qieghed jidher.**

**Illi kif fuq rilevat is-socjeta United Aviation Company giet xolta permezz tal-imsemmi dikriet (Decree) mahrug fl-20 ta' Jannar, 2014 mill-Ufficju tal-Prim Ministru tal-Gvern Interim tal-Libya u l-assi taghha li kienu jinkludu l-ajruplani n kwistjoni gew trasferiti lill-Awtorita imsejjha Executive Authority for Special Flight [EACS] kif jirrizulta mill-istess dikriet.**

**Illi kif jirrizulta mid-dokumenti ufficjali mahruga minn entitajiet governattivi u statali tal-Gvern Interim tal-Libya, li huwa l-Gvern legittimu u rikonoxxut internazzjonalment [Dokumenti Ufficjali li qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati bhala dokumenti SO 3, SO 4 u SO 5] il-proprjeta tal-ajruplani fuq imsemmija tinsab vestita esklusivament fl-Awtorita imsejjha Executive Authority for Special Flight [EACS] u ghalhekk il-kawzali li fuqha tinsab ibbazata it-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Arrest ta' Ingenji tal-Ajru (Numru: 1043/15 u 1044/15) hija wahda falza, minghajr bazi u fondament u legalment insostenibbli.**

**Illi dawn l-ajruplani li taghhom intalab l-arrest jigu uzat ghall-esigenzi u htigijiet governattivi u statali tal-Gvern Interim tal-Libya u ghalhekk huwa car li dan l-arrest intalab sabiex jigu ostakolati il-hidma legittima u l-operat legittimu tal-Gvern Interim tal-Libya li huwa l-Gvern li internazzjonalment huwa rikonoxxut bhala dak li jirrapprezenta l-poplu Libyan.**

**Illi ghalhekk jinhtieg li b'urgenza assoluta, il-hidma u l-operat tal-Gvern Interim tal-Libya, bhala l-Gvern legittimu tal-Libya, rikonoxxut internazzjonalment inkluz mill-Istat Malti, jigu protetti minn kull att, mizura u azzjoni li huma frivoli, li ghandhom biss il-hsieb u l-intenzjoni li jivvessaw u li huma unikament u esklusivament intizi u diretti sabiex malizjozament jostakolaw, jimpedixxi u jtellfu l-hidma u l-operat effettivi, efficjenti u legittimi tal-Gvern Interim tal-Libya.**

**Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi joghgobha (1) ghat-tenur ta' dak provdut f'sub-paragrafu (f) ta' subartikolu (1) tal-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili – Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta tirrevoka l-Mandat ta' Arrest ta' Ingenji tal-Ajru (Numru: 1043/15 u 1044/15 ) fl-ismijiet: "*Dr. Ali Hassan ElShanti [Passport Libjan Numru – C2G39NK9] in rapprezentanza ta' United Aviation Company Spa (Libya Company Reg. Number 65991), Mittiga International Airport, P.O. Box 91637, Tripoli versus kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-kumpania estera EACS – Executive Authority for Air Cargo and Special Flights ta' Tripoli International Airport, East Gate, Tripoli, Libya"* u dan taht il-kundizzjonijiet li l-istess Onorabbli Qorti tqis xierqa; u (2) ghat-tenur ta' dak provdut f'paragrafu (d) tas-sub-artikolu 8 tal-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili – Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lis-socjeta attrici sabiex tħallas lill-konvenut penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) ( talba din li saret f'kull rikors).**"

Rat ukoll illi l-Qorti appuntat dawn iz-zewg rikorsi ghat-trattazzjoni ghat-13 ta' Lulju, 2015 u ordnat ukoll illi dawn jigu debitament notifikati lill-kontroparti li kellha sebat'ijiem ghar-risposta.

In adempjenza ma' dan, issa l-intimat esekutant Dr. Ali Hassan El Shanti ntavola zewg risposti fiz-zewg rikorsi ghat-talbiet tar-revoka tal-mandati ta' arrest fil-konfront ta' kull ajruplan. **Anke f'dan ir-rigward il-Qorti a skans ta' ripettizzjoni se tirriproduci z-zewg rikorsi f' wiehed**.

Ippremetta ghalhekk Dr Ali Hassan El Shanti noe:

**A. Preliminari**

**1. Illi l-esponenti noe gie notifikat b'rikors imressaq mill-kuratur Deputat Shaker Own permezz ta' liema qieghed jitlob ir-revoka tal-mandat kawtelatorji ta' arrest tal-ajruplan bil-marka ta' registrazzjoni 5A-UAB tal-marka Bombardier Global 5000 bin-numru tas-serje MSN 9285 u l-ajruplan l-iehor 5A –UAC tal-marka Bombardier Global 5000 bin-numru tas-serje MSN 9257.**

**2. Illi permezz tal-prezenti, l-esponenti qieghed jopponi ghar-revoka tal-imsemmi mandat in kwantu ghat-talbiet dedotti fl-imsemmi mandat huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta mis-sottomissjonijiet imressqa f'din ir-risposta.**

**3. Illi ghal dak li jirrigwarda l-pregudizzjali preliminari mressqa mill-kuratur noe li t-talba ghal hrug tal-mandat de quo hija proceduralment nulla in kwantu saret quddiem il-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur, l-esponenti noe jirrileva illi din il-kwistjoni illum giet sorvolata wara d-digriet tal-Onorabbli Qorti tas-6 ta' Lulju 2015 fejn saret is-sostituzzzjoni tal-kliem "il-bord tad-drittijiet tal-awtur" bil-kliem "fil-Prim Awla tal-Qorti Civili" u l-apposita korrezzjoni fir-rikors promotur kif jirrizulta mill-anness Dokument ES1.**

**B.Kunsiderazzjonijiet ta' Natura legali**

**1.1 Illi l-artikolu 829 tal-Kapitolu 12 jipprovdi illi:**

***"Kull persuna tista', minghajr ma hu mehtieg li qabel ikun hemm decizjoni, tqieghed fiz-zgur il-jeddijiet taghha bil-mezz ta' wiehed jew izjed mill-atti kawtelatorji hawn taht imsemmija, illi, wara li jigu mharsa minn dik il-persuna l-kondizzjonijiet li jrid dan il-Kodici, jigu mahruga u ezegwiti taht ir-responsabilita' taghha."***

**1.2 Illi l-iskop ta' att kawtelatorji bhal ma huwa mandat ta' arrest kawtelatorji huwa ben stipulat fl-artikolu 829 kkwota supra. Id-dicitura ta' dan l-artikolu hija cara, u tippermetti li persuna titqieghed fiz-zgur il-jeddijiet taghha minghajr ma hu mehtieg li jkun hemm decizjoni fir-rigward, basta li min jitlob il-hrug ta' tali att ikun osserva il-kondizzjonijiet maghmula taht il-Kapitolu 12;**

**1.3 Illi fir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' arrest kawtelatorji l-esponent osserva l-kondizzjonijiet kontenuti fil-Kapitolu 12, fosthom dawk ai termini ta' l-artikoli 831, 832 u 834 ta' l-istess Kapitolu;**

**2.1 Illi t-talba tar-rikorrenti kuratur ghar-revoka tal-imsemmi mandat hija msejsa fuq l-artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12. L-ewwel parti tad-disposizzjoni taqra hekk: *"Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor that dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorji kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorji, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorji jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu ghal xi wahda mir-ragunijiet li gejjin".* Illi r-ragunijiet specifikati fil-paragrafi (a) sa (f) huma ezawrjenti.**

**2.2 Fil-provvediment taghha tal-10 ta' Mejju 2001 fil-procediment "Joseph Camilleri et vs Anthony Gove et" din l-Onorabbli Qorti (PA/RCP) irrelevant *"li mid-disposizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima fcie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hwan si statta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprija".***

**2.3 Din il-qorti (PA/RCP) osservat illi *"dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellu pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentament jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza"* (P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP) 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" – P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001).**

**2.3 Skond l-insenjament tal-gurisprudenza, dak li din il-Qorti tistharreg jekk ir-rekwiziti li trid il-ligi ghall-hrug ta' mandat ikunu jidhru mill-att innifsu kif ukoll illi tara li l-att ma jkunx inhareg b'mod abbusiv ("Paul Hili vs Dr. Joselle Farrugia" – Qorti tal-Kummerc – GMA – 23 ta' Gunju 1994).**

**2.3 Il-Qorti trid gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi mfixel jew imgarrab b'leggerezza. Jibqa' d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi mfixel jew ingarrab b'leggerezza. Jibqa' d-dritt li persuna thares l-intressi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi defenit minn Qorti. ("Vincent Mercieca vs George Galea" – PA/RCP – 29 ta' Novembru 2001). Jekk il-Quddiem il-Qorti li ser tqis il-kwistjoni fil-mertu tasal ghall-fehma**

**li l-pretensjoni tal-ezekutant mhijiex tajba, xorta wahda ma jistax jinghad necessarjament li l-mandat ma kienx iggustifikat ghax is-success jew telfien ta' kwistjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li mandat kawtelatorji nhareg b'mod vessatorju jew fiergah. ("Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri" – PA/JSP – 10 ta' Jannar 1992; "Paul Caruana vs Global Executive Search (Malta) Limited" – PA/JRM – 16 ta' April 2004).**

**3.1 L-argumenti mressqa mill-kuratur noe m'ghandhomx lok f'dawn il-proceduri, izda ghandhom jigu trattati u decizi propju fil-kawza nnifisha, u mhux f'dan l-istadju, ghaliex altrimenti wiehed necessarjament ikun irid jidhol fil-mertu tal-kawza stess, u dan imur oltre l-gudizzju prima facie li din il-Qorti, f'dan l-istadju, hija tenuta li taddotta skond l-istess citat artikolu li a bazi tieghu l-kuratur noe pprezenta r-rikors odjern.**

**3.2 Ma hemmx dubbju li li fil-kaz tal-mandat(i) odjern(i), il-Qorti qabel harget il-mandat(i) de quo qieset, kif dejjem taghmel, il-mandat b'cirkospezzjoni u attenzjoni kbira.**

**4.1 Biex tikseb ir-revoka in toto jew in parte tal-att kawtelatorji, l-esekutata trid turi li ghandha raguni fost is-sitta li jindika l-Art 836(1). Fil-kaz tal-lum, l-eskutat ndika kawzali wahda ossia dik marbuta mas-subparagrafu (f).**

**5.1 Fil-provvediment fuq citat tal-10 ta' Awissu 2012 fl-atti tar-rikors mahluf nru 164/12 JRM fl-ismijiet "Jamar Malta Limited (C45236) vs Office Group Limited (C39197)": ghat thassar tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorji nru 609/2012 ipprezentat nhar l-4 ta' Mejju 2012 fl-ismijiet : "Office Group Limited (C3917) vs Jamar Malta Limited (C45236)" il-Qorti qalet hekk dwar l-Art. 836(1)(f) tal-Kap 12:-**

**"Illi jinghad ukoll li id-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, <u>wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkustanza</u> li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li8 jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiaggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m'ghadux il-kaz;"**

**5.2 Illi f'dan il-kuntest, din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza "Gasanmamo Insurance Limited (C2143) et vs Roc A Go Crane Services Limited (C27553) et", moghtija fis-6 ta' Frar 2014, qalet:**

***"Ghalhekk f'dawn il-proceduri r-rikorrenti ghandhom jippruvaw li tenut kont tac-cirkostanzi kollha specjali tal-kaz mhux ragjonevoli li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorji ghandu jibqa' fis-sehh u li xi wahda mill-htigijiet ghall-hrug tal-mandat m'ghandhiex tezisti" (Dr. Tonio Fenech noe v Dr. Patrick Spiteri et. Noe", moghija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili***

***fit-3 ta' Awissu 2003). Illi minn kliem il-ligi stess johrog car li sabiex jitwarrab Mandat (jew prti) abbazi ta' dan is-subartikolu*** **hu mehtieg li jkun hemm bidla sostanzjali fic-cirkostanzi mid-data tal-hrug tal-Mandat" (enfasi mizjuda);**

**5.3 Il-Qorti hawn kompliet tghid illi, *"sabiex issir din l-analizi wiehed irid iqis jekk mid-data tal-hrug tal-Mandat ghadhomx jissusistu l-kundizzjonijiet ghall-hrug tal-Mandat".* Illi tant hu hekk li fis-sentenza "Stewart Desmond Stanley vs Therese Mangion Galea" tad-29 ta' Lulju 2005, din il-Qorti kif diversament presedurta fl-analizi taghha tas-subartikolu 836(1)(f) regghet iccitat il-kundizzjonijiet ghall-hrug ta' Mandat:**

***"Il-htigijiet tal-ligi procedurali titlob sabiex persuna tista' tohrog Mandat kawtelatorji huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinhareg il-Mandat; (b) li ssir kawza li fiha tigi mistharrga sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt; (c) li l-Mandat irid ikun ihares irrekwiziti mitluba mil-ligi dwar il-hrug tieghu u (d) li tali Mandat jinhareg u jigi esegwit that ir-responsabblilita tal-persuna li tkun talbitu";***

**5.4 Fil-kaz tal-lum, ma tirrizultax il-prova fil-parametri tas-subparagrafu (f) kif debitament imfisser fil-gurisprudenza taghna u dana peress li ma tressqet ebda prva ta' xi cirkostanza li sehhet *wara* is-27 ta' Gunju 2015 li maghha l-kuratur noe sejjes it-talba tieghu ghar-revoka.**

**Ghaldaqstant ir-rikors promotur ghandu jigi michud.**

**B. Kunsiderazzjonijiet Fattwali**

**1.1 Minghajr pregudizzju ghal dak espost fil-parti "A", jibda biex jinghad bir-rispett tal-kuratur noe illi c-Certifikat ta' Registrazzjoni esebit(i) bhala Dokument A mar-rikros tal-Mandat(i) ta' Arrest mahrug fuq is-socjeta esponenti huwa falz, hija allegazzjoni inveritiera u gratuwita, u mhijiex sustanzjata b'ebda prova, ghajr ghal allegazzjoni li intiza unikament biex tahbi l-verita` tal-fatti.**

**Huwa palezi illi titolu ta' propjeta tal-ajruplan(i) de quo huwa vestit unikament u esklussivamnet fis-socjeta esponenti.**

**2.1 Jirrizulta mic-Certifikat ta' Registrazzjoni esebit mill-esponenti flimkien mar-rikors ghal hrug ta' mandat ta' arrest illi l-ajruplan(i) mertu tal-mandat(i) ta' arrest de quo huwa registrat f'isem is-socjeta esponenti u dana b'effett mis-16 ta' Gunju 2015 sas-16 ta' Gunju 2020. Dan ic-certifikat huwa posterjuri ghac-Certifikat ta' Registrazzjoni esebit bhala Dokument SO5 mill-kuratur noe (li huwa datat 6 ta' Frar 2014), liema certifikat effettivament gie rimpjazzat bic-Certifikat ta' Registrazzjoni datat 16 ta' Gunju 2015 mahrug favur is-socjeta esponenti.**

**2.2 Dana huwa wkoll ikkonfermat mid-dikjarazzjoni rilaxxjata mill-istess Civil Aviation Authority tal-Libja datata 28 ta' Gunju 2015 (hawn esebita u mmarkata Dokument ES2) minn fejn jirrizulta li l-ajruplan(i) de quo huwa rikonoxxut mill-istess Awtorita bhala appartenenti lis-socjeta esponenti.**

**3.1 Jigi senjalat bir-rispett, illi c-Certifikat ta' Registrazzjoni tas-socjeta esponenti huwa mahrug mill-istess awtorita' Libjana (Libyan Civil Aviation Authority) u mill-istess persuna (Director General) in rapprezentanza tal-istess awtorita' Libjana, li harget ic- certifikat precedenti li ghab-bazi tieghu il-kuratur noe qieghed jibbaza l-kontenzjoni tieghu. In-natura tac-certifikat hija l-istess, il-firma tad-direttur generali hija l-istess, u l- awtorita li emanat ic-certifikat hija l-istess. Kwindi, huwa car li c-Certifikat mahrug favur is-socjeta esponenti rrimpjazza ghal finijiet u l-effetti kollha kwalsiasi certifikat li kien gie precedentement rilaxxat in rigward tal-ajruplan de quo;**

**3.2 Il-kontestazzjoni tal-kuratur noe illi c-Certifikat esebit bhala Dok A mar-rikors ghal hrug tal-mandat huwa mahrug minn Awtorita' li hija nieqsa minn legittimita ma jregix ghal zewg ragunijiet: fl-ewwel lok, ma jirrizulta minn imkien li c-Civil Aviation Authority li emanat ic-certifikat in kwistjoni m'ghandhiex il-kompetenza necessarja jew il-legittimita' sabiex tohrog certifikat simili; fit-tieni lok, huwa l-kuratur noe stess li qieghed isejjes it- tezi tieghu ma' certifikat mahrug mill-istess Awtorita u ghalhekk qieghed ex admissis jattribwixxi legittimita u rikonoxximent lill-istess Awtorita li harget Certifikat ta' Registrazzjoni favur is-socjeta esponenti.**

**4.1 Ghar-rigward tal-kontestazzjoni imressqa mill-kuratur noe illi s-socjeta esponenti ma tezistix ghaliex allegatament giet dikjarata xolta permezz ta' digriet mahrug mill-Ufficju tal-Prim Ministru tal-Gvern Interim tal-Libja fl-20 ta' Jannar 2014, din il-kontestazjoni hija wkoll monka ghal diversi ragunijiet:**

**(a) Illi bhala stat ta' fatt is-socjeta esponenti qaghda tezisti u qatt ma tqeghdet in likwidazzjoni u dan kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat ES3.1 konsistenti f'estratt mir-registru kummercjali tal-kumpaniji gewwa Tripoli, Libya. L- azzjonisti tas-socjeta esponenti huma dawn: Libyan African Aviation Holding Company, One Nine Aviation Company, u Al Inmaa Service Consultations Holding Company, kif jirrizulta mid-Dokument ES3.2;**

**(b) Illi sussidjarjament l-inezattezza li biha l-kuratur qieghed jiccita d-digriet imsemmi tal-Ufficju tal-Prim Ministru. Minn ezami tad-dicitura tal-istess digriet, anke jekk wiehed kellu jirrikonoxxi ghal grazzja tal-argument l-**

**validita' tieghu, jirrizulta li tali digriet ma ddikjarax ix-xoljiment tas-socjeta esponenti, izda fl-artikolu enumerat (1) tal-istess digriet l-Ufficju tal-Prim Ministru ddecieda "to..Permit United Aviation Company to go into liquidation".**

**Kwindi huwa evidenti li, kuntrarjament ghal dak espost mill-kuratur noe fir-rikors tieghu, din ma kienetx decizjoni li bhala effett taghha iggib fiha nnifisha u awtomatikament ix- xoljiment tas-socjeta esponenti , izda kien jikkostitwixxi biss "permess" mill-Gvern biex is-socjeta esponenti tghaddi ghax-xoljiment. Tali permess kien marbut mal-kundizzjoni ossia "*that the ministry of finance shall undertake the process of settlement of the shareholders contributions in coordination with the company's general assembly*".**

**(c) Illi id-digriet mahrug mill-Ufficju tal-Prim Ministru ma jekwivalix u ma jfissirx xoljiment awtomatiku tas-socjeta esponenti, in kwantu hemm differenza palezi bejn (i) il-permess li jinghata ghax-xoljiment u (ii) l-ezekuzzjoni u l-implementazzjoni tax-xoljiment proprju. Dana peress illi x-xoljiment ta' kumpanija ma jistax jigi ezegwit hlief b'risoluzzjoni appozita tal-azzjonisti tal-kumpanija u f'cirkostanzi eccezjonali b'ordni tal-Qorti u hekk kif jirrizulta mill-opinjoni legali hawn annessa u mmarkata document ES4.**

**(d) Illi fil-fatt anke l-istess digriet li jiccita l-kuratur noe, jaghmilha cara li x-xoljiment mhuwiexawtomatiku izda l-implementazzjoni tal-istess, inkluz tal-process necessarju sakemm isehh ix-xoljiment, huwa mholli f'idejn l-azzjonisti. Dana jghidu l-artikolu 5 tal-istess digriet fil-verzjoni Libjana, li l-kuratur noe b'mod qarrieqi halla barra mit-traduzzjoni ghal lingwa Ingliza f'Dokument SO 2, minghajr spjegazzjoni jew raguni valida. Huwa evidenti li l-kuratur noe ried jahbi l-kontenut ta' dak l-artikolu 5, li jghid bl- aktar mod car li l-implementazzjoni tad-digriet kellha tkun unikament f'idejn l-azzjonisti u dan kif jirrizulta minn traduzzjoni kompleta tal-istess digriet hawn anness u mmarkat Dokument ES5.**

**(e) Illi l-azzjonisti , tajjeb jew hazin, ghar-ragunijiet li m'hemmx bzonn li wiehed jidhol fihom ghalskopijiet ta' dan ir-rikors, ma hadu ebda azzjoni biex jimplementaw tali digriet imsemmi mil-kuratur noe u dan kif jirrizulta minn dikjarazjonijiet tal-istess azzjonisti principali kopja hawn annessa u mmarkati Dokument ES6.1, dokument 6.2 (a), Dokument ES6.2 (b) u Dokument ES 6.3(c) rispettivament.**

**(f) Illi jirrizulta b'mod inekwivoku ghalhekk li l-kumpanija esponenti qatt ma pprocediet ghax-xoljiment taghha u l-kumpanija esponenti ghal finijiet u l-effetti kollha tal-Ligijiet Libici ghadha tezisti u registrata fil-General Commercial Register u dan kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni tal-**

**istess Chairman tas-socjeta esponenta Idris Kashker hawn annessa u mmarkata Dokument ES7.**

**4.2 Ghar-rigward tal-allegazzjoni imressqa mill-kuratur noe, illi l-assi tas-socjeta esponenti, inkluz l-ajruplan in kwistjoni, gew trasferiti lill-Awtorita imsejha Executive Authority for Special Flight, hija skorretta ghar-ragunijiet segwenti:**

**(a) fl-ewwel lok kif diga spjegat id-digriet in kwistjoni ma jikkostitwix digriet ta' xoljiment u japplika dak kollu li nghad aktar 'il fuq. Ghalhekk it-trasferiment tal-assi tal-kumpanija esponenti ma jistax u ma setax isir ghab-bazi ta' tali digriet ghaliex tali trasferiment seta' jsir biss fil-kuntest ta' xoljiment li ma sehhx;**

**(b) fit-tieni lok, minn imkien fid-dicitura tal-istess digriet ma jirrizulta li sar trasferiment ta' assi tal-kumpanija esponenti, multo magis trasferiment tal-assi favur il-kuratur noe kif qed jippretendi fir-rikors tieghu.**

**(c) Fit-tielet lok jirrizulta bl-aktar mod car mic-certifikat tar-registrazzjoni li huwa dokument ta titolu illi l-ajruplan in kwistjoni huwa propjeta tas-soceta esponenti;**

**4.3 Illi kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni hawn annessa u mmarkata Dokument ES8 l-ajruplan in kwistjoni huwa propjeta tas-socjeta esponenti;**

**5.1 Illi kwantu ghall-allegazzjoni tal-kuratur illi Dr Elshanti naqas milli jaghti prova tar- rapprezentanza tieghu tas-socjeta esponenti, qed tigi annessa rezoluzjoni tas-socjeta esponenti u mmarkata bhala Dokument ES9 f'dan ir-rigward.**

**Fid-dawl tas-suespost, il-pretensjoni tal-kuratur noe ghar-revoka tal-mandat t'arrest bazat ghandha wkoll tigi skartata.**

**C. Kunsiderazzjonijiet dwar l-Artikolu 836(8) tal-Kap 12**

**1.1 Il-kuratur esekutat talab ukoll ir-rimedju tal-kundanna ghal hlas ta' penali fit-termini tal- artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12.**

**1.2 L-insenjament tal-gurisprudenza nostrali fir-rigward hija li jrid jintwera ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mil-ligi biex tali sanzjoni tigi mposta u tali imposizzjoni taqa' dejjem fil-mansjoni tad-diskrezzjoni tal- Qorti ("fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 1018/2011 ippreżentat nhar is-27 ta' Lulju, 2011, fl-ismijiet: Fahrenheit Freight Forwarders Co Ltd vs**

**Market Handle Limited et").**

**1.3 Fir-rikors imressaq mill-kuratur noe, il-pretensjoni ghal kundanna ta' hlas ta' penali hija msejsa fuq paragrafu (d) tal-Artikolu 836 subinciz 8 li jaqra hekk: "** ***jekk iċ-ċirkostanzi tad- debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapacità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew*****".**

**2.1 It-talba ghal imposizzjoni ta' penali hija wkoll infondata.**

**2.2 Primarjament din ir-raguni ma hijiex applikabbli ghal kaz de quo in kwantu l-pretensjoni tal-esponenti noe mhijiex ghal kundanna ta' hlas izda tirrigwarda titolu ta' proprjeta ta' l-ajruplan mertu tal-mandat fl-ismijiet premessi.**

**2.3 F'kull kaz, il-kuratur noe ma ressaq l-ebda prova jew argument li minnhom l-esponenti noe intwera li messu jserrah rasu dwar il-likwidita' tal-istess kuratur noe partikolarment fejn si tratta ta' ajruplan li ghandu valur li jeccedi t-tletin miljun ewro. Di piu', ghal finijiet ta' din il-kawzali, l-ligi trid mhux biss li l-parti li kontra taghha jinhareg il-mandat turi li c-cirkostanzi taghha kienu hekk li ma jaghtux lok ghal dubbju ragjonevoli dwar il-likwidita' taghha u l-hila taghha finanzjarja li taghmel tajjeb ghat-talbiet tal-kreditur, izda trid turi wkoll li dik il-qaghda taghha kienet maghrufa sew. F'dan ir-rigward il-kutarur noe ma ressaq ebda prova u fl-assenza tal-prova, il-Qorti ghandha tichad ukoll din it-talba.**

**3.1 Illi fir-rigward din l-Onorabbli Qorti, fis-sentenza fl-ismijiet "Helen Camilleri vs Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw il- wirt battal tal-mejjet Dun Luigi Camilleri" [25.01.2014 JRM], sahqet is-segwenti:**

**"Ghall-finijiet ta' din il-kawzali, l- ligi trid mhux biss li l-parti li kontra taghha jinhareg il-Mandat turi li c-cirkostanzi taghha kienu hekk li ma jaghtux lok ghal dubju ragonevoli dwar il-likwidita' taghha u l-hila taghha finanzjarja li thallas it-talbiet tal-kreditur, izda trid turi wkoll li dik il-qaghda taghha kienet maghrufa sew. Ghall-kuntrarju, mis-sottomissionijiet infushom tal-ezekutati, issib li l-istess ezekutati jishqu fuq il-qaghda finanzjarja likwida taghhom b'mod generiku ghall-ahhar bla ebda accenn ghal xi dettal jew imqar b'dikjarazzjoni maghmula taht gurament [emfasi mizjuda]."**

**Ghal dawn ir-ragunijiet, ir-rikors imressaq mill-kuratur noe Shaker Own ghandhu jigu michud bl-ispejjez kontra tieghu.**

Terga tirritjeni l- Qorti minhabba ekonomija ta' digriet r-rikorsi u riposti n kwantu ghal kollox identici ghajr ghar-referenza ghal ajruplani Qed jigu trattati f'digriet wiehed.

Illi-Qorti ghalhekk appuntat ghas-smiegh iz-zewg rikorsi bit-talbiet ghar-revoka tal-mandati ta' arrest, fejn semghet id-debiti trattazzjonijiet dwar iz-zewg rikorsi in kwantu ghal kollox identici fil-mertu u konsiderazzjonijiet legali konguntivament, dan anke bi qbil mal-partijiet u qed tiddisponi miz-zewg rikorsi ghar-revoka b'dan id-digriet applikabbli ghalhekk ghaz-zewg ajruplani mertu ta' din il-vertenza.

**Fatti**

Illi l-fatti fil-qosor huma lli hemm kontestazzjoni dwar min fil-fatt huwa l-proprjetarju veru u legittimu ta' zewg ajruplani mertu taz-zewg mandati ta' arrest. Fil-fatt kull parti tikkontendi l-proprjeta` ta' dawn l-ingenji. Dr Ali Hasan El Shanti noe prezenta da parti tieghu in sostanza tal-pretensjoni tieghu, certifikati li kienu juru illi l-ingenji kienu u ghadhom proprjeta` tas-socjeta` esekutanti issa intimata United Aviation Company SPA, certifikati li kienu annessi mal-mandati originali immarkati Dok A, kif ukoll dokumenti ohra mar-risposti tieghu fil-konfront tal-kontro mandati n ezami. A kontratrju ta' din il-pretensjoni, ir-rikorrenti esekutat, EACS, issostni li s-socjeta` issa intimata giet xolta b'risoluzzjoni tal-hekk imsejjah interim Government Libjan u li l-proprjeta` tas-socjeta` intimata, inkluz ghalhekk l-ingenji mertu ta' din il-kontestazzjoni ghaddew f'idejn is-socjeta rikorrenti. Issostni r-rikorrenti illi di piu is-socjeta` intimata giet addirittura xolta mill-Gvern rikonnoxut Libjan b'digriet tal-20 ta' Jannar, 2014, dan ukoll anness mar-rikorsi in ezami, inkluz dokumenti ohra in sostenn tat-tezi tieghu.

Irrizulta wkoll waqt is-smiegh ta' dawn iz-zewg rikorsi illi gew esebiti varji dokumenti, li dwarhom kull parti ghamlet allegazzjonijiet ta' falsita` jew nuqqas ta' kompletezza.

Illi jirrizulta b'mod car u ampju lli ghalhekk l-kontestazzjoni kollha hija fil-fatt biss u unikament dwar il-vera proprjetarju ta' dawn l-ingenji, kontestazzjoni li minn issa, a priori tal-ezami ta' dawn ir-rikorsi ghal kontro mandati, din il-Qorti qeghda tiddikjara illi mhux kompitu taghha illi hija tiddeciedi, almenu mhux f'dan l-istadju u f'dawn il-proceduri.

L-ewwel attakk avvanzat fir-rikorsi in ezami kontro l-mandati ta' arrest mahruga, huwa illi kif gia gie premess dawna gew intavolati erronjament quddiem il-Bord ghad-Drittijiet tal-Awtur. Dr. Pio Valletta fil-fatt

jppremetta fiz-zewg rikorsi u rega' talab fit-trattazzjoni lil din il-Qorti illi tirrevoka l-korrezzjoni gia awtorizzata u b'hekk jigu annullati z-zewg mandati, in kwantu erronjament intavolati minflok fil-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-Bord ghad-Drittijiet tal-Awtur.

Esebixxa ukoll l-avukat tal-esekutat rikorrenti, nota li biha ghamel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Anthony Abdilla' datata 9 ta' Jannar, 1989.

**Ikkonsidrat in ezami ta' l-artikolu 175 tal-Kap 12**

Illi l-korrezzjoni awtorizzata fil-mandati saret minn din il-Qorti kif a skorta ta' dak li tghid il-ligi fl-artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din hija vertenza li l-Qrati taghna ghamlu varji pronunzjamenti dwarha. Din il-Qorti se taghmel hawn referenza ghal zewg decizjonijiet li jigbru b'mod komplet u skjett l-interpretazzjoni mhaddna fir-rigward ta' dan l-artikolu u li a bazi tieghu din il-Qorti ddekretat l-korrezzjoni mitluba.

Fil-kawza fl-ismijiet 'Vincent Bonnici vs Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjannar, Segretarju tat-Tribunal tar-Revizzjoni ghal Ambjent u l-Ippjannar u l-Avukat Generali ghal kull interess li jista' jkollu', il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, preseduta mill-Imhallef J.R.Micallef fit-28 ta' Mejju, 2013 qalet hekk:

"*li jidher li t-talba magħmula mill-attur biex tiżdied premessa oħra ġejja mill-fatt li l-imħarrkin ressqu eċċezzjonijiet ta' natura preliminari (flimkien ma' oħrajn fil-mertu) li bihom, u f'każ li kellhom jintlaqgħu kollha jew xi wħud minnhom, l-azzjoni attriċi setgħet issib xkiel biex timxi 'l quddiem;*

*Illi l-portata tal-eċċezzjonijiet imsemmija twassal l-att promotur tal-azzjoni attriċi għal eċċezzjoni ta' nullita' tal-istess att, kif preskritt fl-artikolu 789(1)(ċ) jew 789(1)(d) tal-Kap 12. Imma, f'każ bħal dan, il-liġi nnifisha tgħid li leċċezzjoni tan-nullita' ma tistax tingħata jekk kemm-il darba "in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi". B'dawn il-kliem, il-Qorti tifhem li din hi riferenza għall-artikolu 175 tal-istess Kodiċi, li taħt is-saħħa tiegħu l-attur qiegħed iressaq it-talba tiegħu għall-bidla fir-Rikors Maħluf; illi l-liġi tipprovdi dwar is-setgħa li għandha l-qorti li tordna jew tagħti li jsir bdil fl-atti fl-imsemmi artikolu 175. Fost is-setgħat,hemm dik maħsuba biex tippermetti tibdil fl-iskritturi, li jissewwa żball fl-isem ta' xi parti jew "kull żball ieħor". Dan jitħalla li jsir sakemm il-bidla ma tbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-mertu tal-kawża;*

*Illi fis-soluzzjoni ta' din il-kwestjoni, il-Qorti trid tiddeċiedi billi timxi ma' dak li tgħid il-liġi, billi tħares il-jedd ta' kull parti li jkollha u tingħata smigħ xieraq, inkluż il-jedd li tista' tiddefendi sewwa l-każ tagħha, u twieżen il-mira li tagħmel ħaqq mal-perikolu li ma tintilifx fil-formaliżmu bla bżonn. Dan trid tagħmlu billi żżomm quddiem għajnejha dawn il-prinċipji bażiċi, magħduda magħhom dak li att ġudizzjarju għandu, safejn jista' jkun, ma jiġix imħassar jekk jista' jiġi salvat, u li l-qorti ma tintużax biex tippremja t-traskuraġni fit-tħejjija tal-atti li jitressqu quddiemha u tagħraf fejn żball ikun wieħed ġenwin;*

*Illi, meta wieħed iħares b'reqqa lejn id-disposizzjonijiet tal-artikolu 175, għandu jsib li s-setgħat ta' qorti li tilqa' talba (jew ukoll li minn rajha hekk tordna) biex isir bdil fl-atti hija wiesgħa tassew, u l-kliem tal-liġi sa hemm m'għandhomx għaliex joħolqu problemi ta' tifsira;*

*Illi dak li joħloq diffikulta' huwa x'tifsira għandha tingħata lill-parti tal-artikolu 175(1) li tillimita dik is-setgħa, u b'mod partikolari x'tifhem il-liġi bil-kliem "sustanza tal-azzjoni" jew x'inhi bidla fl-eċċezzjoni fuq il-mertu. Dwar din tat-tieni, ġie mfisser[1] li l-fatt waħdu li l-iżball ikun ġie msemmi f'eċċezzjoni, ma hux ta' xkiel biex tintlaqa' talba għat-tiswija tiegħu, u dan għaliex ma jagħmilx sens li żball jista' jissewwa jekk ma tingħatax eċċezzjoni dwaru iżda ma jistax jissewwa jekk l-eċċezzjoni ssir![2] Għaliex eċċezzjoni li tiġbed l-attenzjoni għal żball fl-att imressaq mill-attur ma ssirx, b'daqshekk biss, eċċezzjoni fil-mertu dwar il-qofol tal-azzjoni attriċi, billi l-iżball m'huwiex il-qofol tal-azzjoni;*

*Illi għalhekk, huwa meħtieġ li wieħed jara xi trid tfisser il-liġi meta ssemmi "s-sustanza tal-azzjoni". Fil-fehma tal-Qorti, bidla ta' sustanza sseħħ meta tintalab li ssir bidla fit-talbiet tal-attur b'mod li n-natura nnifisha tal-azzjoni jew motiv ewlieni li jsejjisha, jinbidlu b'oħrajn;*

*Illi, fil-fehma tal-Qorti fil-każ preżenti, s-sustanza tal-azzjoni mhi bl-ebda mod sejra tinbidel (għalkemm x'aktarx li l-firxa tagħha sejra titwessa') jekk din il-Qorti kellha tilqa' t-talba għaż-żieda ta' premessa oħra kif mitluba mill-attur; u lanqas ma sejrin jintlaqtu l-eċċezzjonijiet fil-mertu mtella' mill-imħarrkin (x'aktarx ukoll li lanqas sejrin jintlaqtu l-eċċezzjonijiet preliminari). Dan jingħad għaliex jekk kemm-il darba wieħed iqis x'inhi t-talba tal-attur f'din il-kawża se' jara li dak li talab se'*

---

[1] App. Kumm. 12.12.1994 fil-kawża fl-ismijiet E. Calabrese noe vs E. Biġeni et (Kollez. Vol: LXXVIII.ii.256)

[2] P.A. 7.3.1958 fil-kawża fl-ismijiet Grixti vs Demicoli Żammit (Kollez. Vol: XLII.iii.1159)

*jibqa' l-istess u l-istesseċċezzjonjiet imqajmin mill-imħarrkin fil-mertu mhu sejrin jitilfu xejn mis-saħħa tagħhom u mhu se' jitnaqqas xejn mill-jedd tagħhom li jikkontestaw il-pretensjonijiet tal-attur[3];*

*Illi, mbagħad, kien ikun hemm l-istess effett li kieku l-attur f'din il-kawża, minflok li talab li tiżdied premessa oħra, talab biss li titneħħa l-aħħar premessa li saret fir-Rikors Maħluf;*

*Illi fejn jidħlu bidliet jew żidiet fil-premessi (b'differenza minn bidliet jew żidiet fit-talbiet), it-tħaddim tal-artikolu 175 jingħata effett usa' jekk kemm-il darba wieħed iqis li l-premessi huma maħsuba biex jiċċaraw u jfissru aħjar is-sens tat-talbiet li dwarhom il-Qorti hija mitluba li tiddeċiedi[4];*

*Illi l-Qorti tqis ukoll li kieku kellha tiċħad it-talba tal-attur, ma kienx se' jkun hemm soluzzjoni tal-kwestjoni iżda kienet, x'aktarx, ser tfaqqas azzjoni oħra ta' stħarriġ ġudizzjarju mill-istess attur. Huwa sewwa sew ċirkostanzi bħal dawn li l-artikolu 175 hu maħsub li jevita.*"

Decizjoni ohra li taghti spjegazzjoni daqstant cara dwar l-interpretazzjoni u applikazzjoni ta' l-artikou 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik fl-ismijiet 'Fenech Estates Company Limited vs HSBC Bank Malta plc, Tal Barrani Comp Ltd, Michael Axisa Company Limited, Ludwig, Dottor Luis Cassar u L-Avukat Generali', deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, mill-Imhallef J.Zammit McKeon:

"*Il-qorti **tista`**, f`kull waqt tal-kawza, qabel is-sentenza, wara talba ta` wahda mill-partijiet, wara li tisma` meta jehtieg lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta` xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jizdied jew jitnehha l-isem ta` wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku, jew billi jissewwa zball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta` fatt jew ta` dritt ukoll permezz ta` nota separata,* ***sakemm sostituzzjoni jew***

[3] P.A. RCP 10.6.1999 fil-kawża fl-ismijiet Francesco Saverio Sammut et vs Kumitat Mosta tal-Partit tal-Ħaddiema et (sentenza in parte, mhix pubblikata)

[4] App. Ċiv. 18.2.1997 fil-kawża fl-ismijiet Walsh's Limited vs Awtorita' ta' l-Ippjanar (mhix pubblikata)

***tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza***. (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti).

Fis-sentenza taghha tat-12 ta` Dicembru 1994 fil-kawza **'Calabrese vs Bigeni'** il-Qorti tal-Appell qalet hekk dwar din id-disposizzjoni –

*Id-diffikulta` li generalment tinholoq fl-applikazzjoni ta` dan l-artikolu taggira dejjem madwar din il-limitazzjoni* (u cioe` 'basta li l-ebda tibdil bhal dan ma jkun biddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni')*; fil-kaz prezenti il-pretensjoni ta` l-appellanti illi t-tibdil ordnat mill-Qorti 'biddel fis-sustanza l-eccezzjoni';*

*Huwa ovvju li din il-limitazzjoni ma tapplikax meta l-eccezzjoni tkun propju tindika l-izball li jigi korrett – sakemm dik il-bidla ma tbiddilx is-sustanza ta` l-azzjoni. Dan huwa ovvju ghaliex m`huwiex guridikament konformi illi bidla tista` ssir jekk ma ssirx eccezzjoni imma ma tistax issir jekk tinghata l-eccezzjoni. Il-qofol qieghed fi-lprecisazzjoni li timporta l-kelma 'fis-sustanza'.* ***Din tindika li kull bidla li ssir trid tkun bidla ta` xi dettall ta` xi haga marginali imma mhux materja ta` sustanza jew li teffettwa s-sustanza.*** (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti)

Fis-sentenza taghha tal-14 ta` Marzu 1988 fil-kawza **'Mirabelli noe vs Gollcher et noe'** il-Qorti tal-Appell ghamlet analizi tal-origini tal-Art.175 tal-Kap.12 u l-iskop tad-disposizzjoni. Il-Qorti qalet hekk –

*L-artikolu 175 imsemmi jaf l-origini tieghu ghal studju akkurat li sar fis-seklu ta` qabel dan meta kien qed jigi ppreparat il-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili. Fil-fatt il-Kummissjoni ad hoc ta` l-1848 fuq l-artikolu relattiv (180) fl-abbozz kienu ssuggerew li fl-atti gudizzjarji kellha tigi pprestata attenzjoni kbira ghall-isem tal-partijiet u tal-kapacita` li fiha kienu jidhru* [u dan billi f`dak il-kaz il-kwistjoni kien centrata dwar ir-rekwiziti ta` l-Art.174(1)(b)] *u li kull nuqqas kellu jwassal ghan-nullita` b`dan pero` li f`certi kazijiet fejn il-kwistjoni tkun tqajmet 'in limine litis' il-Qorti kienet awtorizzata tikkoregi l-izball;*

*Sir Andrew Jameson kif jidher mill-'Observations on the Proposed Code of Organisation and Civil Procedure for the Island of Malta (London) 1851 kien objetta li l-artikolu ssuggerit ma kienx jaghti poteri bizzejjed ampji lill-Qrati biex jigu evitati ingustizzji u kien issuggerixxa li jigi segwit dak li kien jipprovdi fir-rigward in-New York Code of Procedure li kellu skond hu 'provisions that are so evidently in conformity with reasons and justice';*

*Fil-fatt l-artikolu 180 gie ‘redrafted’ kompletament u ghalkemm il-kliem adoperati huma differenti gie jaqbel fis-sustanza mad-disposizzjoni tal-Kodici Amerikan imsemmi;*

***Tul is-snin dan l-artikolu kif originarjament ippromulgat u kif sussegwentement emendat serva u gie uzat mill-Qrati taghna biex jigu evitati duplicita` ta` kawzi u biex jigi evitat dak il-formalizmu rigoruz li hafna drabi kien iwassal ghal biex jigi stultifikat il-kuncett tal-gustizzja. Pero` ma wasal qatt u ma gie qatt uzat mill-Qrati taghna biex tigi stultifikata l-istess ligi li testwalment tipprojbixxi kull korrezzjoni li tkun talvolta tbiddel is-sustanza ta` l-azzjoni jew ta` l eccezzjoni”*** (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti).

Esposti dawn l-opinjonijiet studjati tal-Qrati taghna, imhaddna ukoll minn din il-Qorti kif preseduta, din il-Qorti qeghda ghalhekk tichad il-vertenza imressqa mir-rikorrenti fir-rikors tieghu u li rega’ avvanza fit-trattazzjoni li din il-Qorti tirrevoka contrario imperio l-korrezzjonijiet gia awtorizzati fil-mandati ta’ arrest hawn imsemmija, anke ghax tqis li l-izball kommess tant huwa lampanti u car li hu hekk u oltre li l-istess zball bl-ebda mod ma jista’ jinghad li jibdel is-sustanza tal-azzjoni kif supra spjegat.

**Ezami Talbiet**

It-talbiet li Shaker Own nomine ressaq fir-rikorsi in ezami huma li fl-ewwel lok a tenur ta’ sub paragrafu (f) tas-sub artikolu (1) tal-artikolu 836 tal-Kap. 12, il-Qorti tirrevoka il-mandati ta’ arrest ta’ Ingenji tal-Ajru bin-numru 1043/15 u 1044/15 u li a tenur ta’ dak provdut f’paragrafu (d) tas-sub- artikolu 8 tal-artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lis-socjeta` attrici sabiex thallas lill-konvenut (recte intimat) penali ta’ mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa’ mija u tmienja u tmenin euro u tnax il-centezmu (6,988.12), talba din tal-penali li saret f’kull rikors ghalhekk fil-konfront ta’ kull mandat ta’ arrest mahrug.

Illi qabel ma l-Qorti tghaddi biex taghmel id-dovut ezami taz-zewg talbiet proposti fil-kontro mandati in ezami, se taghmel is-segwenti kumment minhabba dak li tratta l-abbli avukat difensur tar-rikorrenti u cioe` li l-mandati in skrutinju kellhom jigi ukoll annullati minn din il-Qorti stante li

kienu monki fil-formalita` taghhom kif rikjest mil-ligi. Din hija talba intempestiva f'dan l-istadju stante li hija wahda li ma tistax issir f'dawn il-proceduri li mhumiex intizi ghal ezami ta' tali formalitajiet. Jekk il-mandati humiex monki jew le, issa ukoll li giet milqugha t-talba tal-korrezzjoni hawn fuq spjegata, issir kompetenza ta' din il-Qorti jekk u meta b'talba ad hoc jigu attakkati l-istess mandati.

Illi l-funzjoni ta' din il-Qorti hawn hija biss li tara u tezamina jekk gialadarba li t-triq li ntaghzlet biex jintalbu dawn il-kontro mandati kienet dik derterminata taht l-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, allura jekk gewx murija "…. li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att(i) kawtelatorju(i) jew parti minnu(hom) jew li dan l-att(i) jew parti minnu(hom) mhuwiex aktar mehtieg(a) jew gustifikabbli."

**Ikkunsidrat**

Illi z-zewg mandati ta' arrest taz-zewg ingenji ta' l-ajru (1043 u 1044 tas-sena korrenti) gew milghuqa fis-27 ta' Gunju, 2015 u gew hekk ukoll debitament notifikati skont il-ligi (vide artikolu 865B tal-Kap 12). Il-kawzali ta' kull mandat hija, in kwantu identici, illi kull ajruplan tal-valur ta' cirka tnejn u tletin miljun euro kien abbusivament u llegalment appropjat mill-kumpanija ossia awtorita` estera minghajr awtorizzazzjoni tas-socjeta` esekutanta. Issostni ir-rikorrenti esekutat fil-kontro-mandat, illi z-zewg ajruplani kienu qabel appartenenti lis-socjeta` intimata li pero` giet xolta b'digriet mahrug fl-20 ta' Jannar, 2014, mill-Ufficcju tal-Prim Ministru Tal-Gvern Interim tal-Libja u l-assi taghha li kienu jinkludu wkoll dawn iz-zewg ajruplani, suggett ta' din il-vertenza, gew trasferiti lill-Awtorita` imsejjha Executive Authority for Special Flights (EACS).

Hemm qbil allura li l-vertenza kemm tal-mandati mahruga u l-kontro mandati mitluba kien u baqa' dejjem li jigi determinat il-proprjetarju legittimu ta' dawn iz-zewg ingenji, tant li harsa lejn id-dokumenti esebiti kemm mal-mandat kif ukoll mal-kontro-mandati, juru s-sostenn miz-zewg nahat ta' din it-tezi.

**Ezami tal-ligi artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12.**

Il-Ligi taht is-sub-artikolu in ezami tikkontempla zewg ferghat taht liema tista tigi milqugha talba ghall-hrug ta' kontro mandat. Il-hrug ta' kontro mandat jista' jsib bazi jekk jirrizultaw cirkostanzi li juru li ma jkunx

ragonevoli li l-mandat mahrug jinzamm fis-sehh. Tali cirkostanzi in vista ta' l-allegazzjonijet avvanzati mill-intimat esekutanti cioe` li hu gie illegalment spossessat mill-ingenji, ma gewx murija lil din il-Qorti. Dawn l-allegazzjonijiet hekk imressqa jigu mehuda biss u kkonsidrati fuq bazi ta' prima facie stante li ma hija qatt se tkun din il-Qorti f'dan l-istadju, li se tiddetermina l-veru proprjetarju ta' dawn l-ingenji, almenu mhux f'dawn il-proceduri. F'dan l-istadju pero` c-cirkostanzi lilha presentati jimmeritaw aktar skrutinju profond gudizzjarju biex il-veru proprjetarju jigi hekk determinat.

It-tieni fergha tas-sub-artikolu in ezami jinhtieg biex tirnexxi fl-azzjoni illi jintwera lill-Qorti illi l-istess mandati m'ghadhomx aktar mehtiega jew gustifikati fl-intier jew in parte. Frankament kif gia suespost minn imkien ma jirrizulta lil din il-Qorti li mill-hrug tal-mandati tal-arrest sal-gurnata tal-lum inbidlu xi cirkostanzi li jistghu jaghtu sostenn ghal dak mitlub f'dan is-sub-artikolu, stante li l-pretensjoni tas-socjeta` esekutanta baqghet l-istess.

Din l-interpretazzjoni ta' dan is-sub-artikolu issib konfort ampju f'varji decizjonijiet ta' mertu simili mehuda mill-Qrati Civili taghna fejn dejjem ppronunzjaw ruhhom bl-istess mod dwar l-interpretazzjoni ta' dan, kif ukoll ben espost mill-intimat esekutant fir-risposti tieghu surriferiti.

Insibu dan hekk interpretat fil-kawza fl-ismijiet 'Jamar Malta Ltd. vs Office Group Ltd' (JRM 10.8.12 Prim Awla) fejn il-Qorti kellha dan xi tghid:

"*c) Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli lil mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli [Art. 836(1)(f)]. Jidher li din il-kawżali tinbena wkoll fuq dak li ssemma qabel mill-eżekutata;*

*Illi, tajjeb jew ħażin, minbarra dan biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutant m'għandhomx jedd għall-ħlas fl-ammonti minnhom pretiżi, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ*[5]*.*

*Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew*

---

[5] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

*gustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimati eżekutanti;*

*Illi jingħad ukoll li id-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li,* ***wara l-ħruġ tal-Mandat,*** *tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ*[6]*14. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;*

*Illi ladarba l-eżekutata ma ssemmi l-ebda raġuni oħra li tista' twassal lill-Qorti biex tqis is-siwi tat-talba tagħha, l-Qorti jkollha toqgħod fuq il-konsiderazzjonijiet li saru minnha taħt il-kawżali ta' qabel;*

*Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrenti eżekutata seħħilha tagħti raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar lanqas fuq din il-kawżali;"*

F'din l-istess decizjoni l-Qorti ghamlet ukoll konsiderazzjonijiet dwar il-penali mitluba, kf inhu preciz il-kaz tat-tieni talba avvanzata fil-kontro mandati in dezamina. Qalet hekk il-Qorti dwar l-arftikolu 836(8) tal-Kap 12:

"Illi, kif ingħad, ir-rikorrenti eżekutata talbet ukoll ir-rimedju tal-kundanna tal-intimata eżekutanti għall-ħlas ta' penali[7] u kif ukoll ir-rimedju tal-għoti tal-garanzija[8];

*Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi*[9]*, iżda biżżejjed li tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu*

---

[6] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et***
[7] Taht l-art. 836(8) tal-Kap. 12
[8] Taht l-art. 838A tal-Kap. 16
[9] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd***

*jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess Ġudizzjarju …".*

Huwa car ghalhekk kemm mid-dicitura tal-ligi kif ukoll mill-interpretazzjoni hawn moghtja, li l-lintiza ta' din il-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) huwa kjarament mirat biex ebda mandat kawtelatorju ma jintuza biex jivvessa lil kontro parti u jintalab b'mod frivolu. Il-kawtela tad-dritt mahsuba fil-ligi hija ntiza biex dan ikun wiehed ezercitat b'responsabbilta` u dixxiplina u qatt abbuzat. In kwantu li lil din il-Qorti ma rrizultalha xejn minn dan hawn espress fil-hrug tal-mandati ta' arrest tal-ingenji tal-ajru li qeghdin jigu attakkati f'dawn il-proceduri, ma tqisx li l-effetti ta' dan is-sub artikolu in ezami, cioe` is-sub artikolu 8 tal-artikolu 836, ghandhom isibu applikazzjoni fil-kaz de quo.

Decizjoni ohra simili dwar dan il-mertu hija sentenza deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 1379/12 fl-ismijiet 'L-Av Adrian Delia bhala mandatarju specjali ta' Giovanni Sidote vs European Insurance Group Ltd.' Interessanti wkoll li hawn il-Qorti ghamlet analizi tal-livell ta' prova u l-ezami li ghandu jsir f'dawn il-kontro mandati biex b'hekk il-Qorti ma tuzurpa qatt il-funzjoni tal-Qorti li finalment tkun se tghaddi gudizzju fuq il-vertenza bazi tal-kawzali li fuqhom ikun inhareg il-mandat kawtelatorju:

"*L-Artikolu 836(1)(f)*

*i. Analizi Prima Facie*

*Illi qabel ma l-esponenti tghaddi ghal diskussjoni tat-talbiet tas-socjeta' sekwestrata, ser taghmel is-segwenti osservazzjonijiet dwar l-analizi li trid issir meta ssir applikazzjoni abbazi tal-artikolu 836;*

*Illi meta ssir applikazzjoni abbazi tal-artikolu 836 tal-Kap.12, l-analizi li taghmel il-Qorti ghandha tkun ristretta ghal wahda prima facie;*

*Illi dan il-principju gie msahhah mill-gurisprusdenza nostrana;*

*Illi fis-sentenza bl-ismijiet Emanuel Sammut et v. Josephine Sammut datata 5 ta' Gunju 2003, l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili qalet hekk:*

*“Mid-dispozizzjoni tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 (thassir ta’ Mandat Kawtelatorju) jidher li l-unika ezami li trid taghmel il-Qorti huwa dak biss ta’ prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinjifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f’dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta’ procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja. Dak li trid taghmel il-Qorti f’din il-procedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellu pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta’ Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza”;*

*Illi fis-sentenza ‘Av. Carmelo Castelli noe v. Focal Maritime Services et’ datata s-26 ta’ April tas-sena 2002, l-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili qalet hekk:*

*“Skond l-Artikolu 836(d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, Mandat kawtelatorju jista’ jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv, jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragjonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*

*L-ezami li trid taghmel il-Qorti f’dan il-kuntest huwa wiehed prima facie u l-Qorti m’ghandhiex tidhol fi kwistjonijiet li jirrigwardjaw il-mertu tal-kawza bhal jekk issekwestrat huwiex legittimu kontradittur tas-sekwestrant”;*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet Visa Investments Ltd v. Blye Engineering Co. Ltd datat s-7 ta’ Frar 2001 inghad ukoll hekk:*

*“L-ezami li trid taghmel il-Qorti f’dan il-kuntest huwa dak biss ta’ prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet.*

*Illi l-punti jekk hijiex is-socjeta’ rikorrenti li ghandha thallas tal-istess, jekk tapplikax il-preskrizzjoni... jolqtu il-mertu tad-difiza tas-socjeta’ rikorrenti fil-kawza proprja, u ghalhekk ghandhom jigu trattati u deciza proprju fil-kawza nnifisha, u mhux fil-kuntest ta’ rikors ghar-revoka ta’ Mandat Kawtelatorju, ghaliex altrimenti wiehed necessarjement ikun irid jidhol fil-mertu tal-kawza stess, u dan imur oltre l-gudizzju prima facie li l-Qorti hija tenuta li taddotta”;*

*Illi l-esponenti jissottometti illi, kif jidher mill-argumenti mressqa fir-rikors tas-sekwestrata, l-istudju li s-socjeta' sekwestrata qieghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti taghmel, imur oltre minn analizi prima facie;*

*Illi dan ser jigi spjegat f'aktar dettall aktar l-isfel;*

*ii. Is-subartikolu citat mis-socjeta' sekwestrata*

*Illi s-socjeta' sekwestrata qieghda titlob il-hrug ta' kontro mandat abbazi tas-subartikolu 836(1)(f);*

*Illi dan is-subartikolu jaqra hekk:*

*"jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli";*

*Illi minn kliem il-ligi johrog car li sabiex jitwarrab mandate abbazi ta' dan is-subartikolu hu mehtieg li jkun hemm bidla sostanzjali fic-cirkostanzi mid-data tal-hrug tal-mandat, u li minhabba il-bdil ma jkunx ghadhom jissussistu l-kundizzjonijiet ghall-hrug tal-mandat;*

*Illi tant hu hekk li fis-sentenza fl-ismijiet Stewart Desmond Stanley v. Therese Mangion Galea tad-29 ta' Lulju 2005, l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili , fl-analizi taghha tas-subartikolu 836(1)(f) regghet iccitat il-kundizzjonijiet ghall-hrug ta' mandat:*

*"Il-htigijiet tal-ligi procedurali titlob sabiex persuna tista' tohrog Mandat Kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinhareg il-Mandat; (b) li ssir kawza li fiha tigi mistharrga sewwasew dik il-pretensjonji ta' dritt; (c) li tali Mandat jinhareg u jigi ezegwit taht ir-responsabbilta' tal-persuna li tkun talbitu";*

*Illi din l-interpretazzjoni tas-subartikolu 836(1)(f) giet sostnuta mill-Onorabbli Prim' Awla f'digriet datat is-7 ta' Settembru 2012 fl-ismijiet FourX Limited (C-14286) v. Mediterranean Flower Products Limited (C-2197):*

*"Illi l-ahhar provediment li s-socjeta' rikorrenti odjerna qed titlob ir-revoka tal-Mandat ta'Inibizzjoni hija abbazi tal-artikolu 836 (1)(f) cjoe' fis-sens jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li l-istess mandat jinzamm fis-sehh kollu jew in parte jew inkella mhux aktar mehtieg jew gustifikabbli, izda anke hawn jirrizulta li s-socjeta' rikorrenti bbazat ruhha*

*fuq l-istess konsiderazzjonijiet u din il-Qorti thoss li dawn bl-ebda mod ma jipprovaw li mid-data minn meta hareg il-Mandat sallum sehhet xi haga sostanzjali li bidlet il-posizzjoni b'mod li dak li gie ritenut mill-Qorti dakinhar tal-hrug tal-mandat ma ghadux applikabbli llum u ghalhekk anke din il-bazi qed tigi michuda.*"

**Decide**

**Esposti dawn il-konsiderazzjonijiet u stante li din il-Qorti hija tal-fehma li l-mandati ta' arrest mahruga fuq l-ingenji ta' l-ajru imsemmija u cioe` dawk bin numru 1043/2015 u 1044/2015, ghadhom illum gustifikati u li mill-hrug taghhom sal-lum ma rrizultat ebda cirkostanza ta' bdil u baqghu ghalhekk in toto mehtiega, qeghda tiddisponi mir-rikorsi ghar-revoka bin-numru 636/15 u 637/15, billi tichad it-talbiet ghar-revoka u konsegwentement tichad ukoll it-tieni talba biex jigu mposti penalitajiet.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu a karigu ta' Shaker Own nomine.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------